**San Koronatu jispirana...** Illum il-Ħadd għadna kemm iċċelebrajna l-festa ta' San Koronatu Martri. Ftit nafu fuqu ħlief li miet u ġie midfun ġewwa l-katakombi ta' Ruma u l-fdalijiet tiegħu ngħataw lill-kappillan tan-Nadur Dun Salv Galea fl-1763. Imbagħad sena wara, fit-23 ta' Settembru saret it-translazzjoni solenni tar-relikwi tiegħu sabiex jitqiegħdu fil-Knisja tagħna f'niċċa apposta fuq l-artal ta' San Franġisk ta' Paola, hekk li sal-lum il-ġurnata għadna niċċelebrawh b'ħeġġa u devozzjoni kbira. Tgħid għaliex? Naħseb li l-figura ta' San Koronatu tista' turina li anke jekk aħna m'aħna xejn u ma jafna ħadd, jekk ngħixu u nagħmlu kollox bi mħabba lejn Alla u lejn il-Knisja, ħajjitna ssir bħall-kwiekeb tas-sema li jibqgħu jiddu maż-żmien, u li ma jintfew qatt mill-kruha tad-dlam tal-lejl.



Għalhekk kif smajna fl-ewwel qari tal-ewwel jum tat-Tridu, San Pawl jgħidilna: "Agħmlu kollox mingħajr tgemgim u mingħajr tlaqliq, ħalli tkunu nies bla għajb u safja, ulied Alla bla tebgħa f'nofs bnedmin ta' ħajja mgħawġa u mħassra; fosthom intom għandkom tiddu fid-dinja bħal kwiekeb". Hekk nemmnu li kienet il-ħajja ta' San Koronatu, u hekk nemmen li tista' tkun il-ħajja tiegħi u tiegħek jekk inħallu l-imħabba ta' Alla tmexxi l-ħsibijiet u s-sentimenti kollha tagħna.

**TIĠDID TAL-KUMITAT TAN-NAR U TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

Minn nhar it-Tnejn 11 sal-Ħadd 17 ta' Novembru qed nagħmlu sejħa ġenerali sabiex kull min hu interessat sabiex ikun parti minn dawn iż-żewġ kumitati, iħalli nota fil-kaxxa tal-ittri tal-uffiċċju parrokkjali, li fuqha jkun hemm miktub l-isem u l-kunjom, in-numru tal-mobile u l-isem tal-kumitat li fih jixtieq jieħu sehem.

Hekk inkunu nistgħu nikkuntattjawkom għal-laqgħa li fiha ssir l-elezzjoni tal-eżekuttiv tal-kumitat, jiġifieri dawk li ser jieħdu r-responsabilità tat-tmexxija f'isem il-kumitat kollu.

Il-kumitat il-ġdid tal-Ġimgħa l-Kbira ser jiltaqa' t-Tnejn 18 ta' Novembru. Filwaqt li l-kumitat tan-nar ser jiltaqa' l-Ġimgħa 22 ta' Novembru. Il-post u l-ħin tal-laqgħa ser ikun avżat b'mod personali lil dawk li jinkitbu matul din il-ġimgħa.

**AVVIŻI:**

**Quddies b'intenzjonijiet varji fiċ-ċimiterji tal-parroċċa:**

- Nhar **it-Tlieta 12 ta' Novembru**, fiċ-Ċimiterju ta' S. Tereża ta' Kalkutta, se ssir quddiesa b'suffraġju tal-erwieħ tal-Azzjoni Kattolika. Tibda **fl-4.30pm**.
- Nhar **it-Tlieta 12 ta' Novembru** fiċ-Ċimiterju ta' S. Tereża ta' Kalkutta, se ssir quddiesa b'suffraġju tal-benefatturi mejtin organizzata mill-Museum tas-subien. Tibda **fis-7.00pm**. Kulħadd huwa mistieden jattendi għal din il-quddiesa b'suffraġju ta' bosta qlub ġenerużi li tant ħabbew il-Qasam.
- Nhar **il-Ġimgħa 18 ta' Novembru**, fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina, se ssir quddiesa b'suffraġju tal-leġjunarji mejtin. Tibda **fl-4.00pm**.

Ħadd qabel Kristu Re, il-Papa waqqaf il-jum dinji tal-foqra. Fih issir ġabra djoċesana għall-Caritas li tgħin lil diversi foqra fid-djoċesi. Din is-sena, it-8 **ġurnata tal-foqra ser tiġi ċċelebrata fil-weekend tas-16/17 ta' Novembru**.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru ser immorru d-Dwejra fejn inżuru l-Kappella ta' Sant Anna. Niltaqgħu fid-9.30am quddiem iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina 21553041/79923153 jew lil Ġuża 21552326/99228906.

**Tiġdid tal-ID Card -** Dawk residenti fin-Nadur (ċittadini Maltin biss) jistgħu jġeddu l-ID Card mill-25 sad-29 ta' Novembru bejn it-3.00 u s-6.30pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

**Inħeġġukom tkomplu ġġibu l-envelopes bl-offerta tal-festa ta' San Koronatu biex tgħinuna ntaffu l-ispejjeż li saru. Grazzi mill-qalb!**

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am